MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 985/2012

Il-Pulizija
(Sp Robert Said Sarreo)
vs
Emanuel Cauchi, iben Joseph, imwieled Pieta' fis-27 ta' Diċembru, 1956, karta ta' l-identita numru 39557(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fis-27 ta' Settembru, 2012 ġewwa l-fond Block A, Flat 4, Triq it-Tarzna l-Isla volontarjament ħebb għal persuna ta' ibnu Chrismar Cauchi u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' delitt liema delitt ta' ferita gravi ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaġuna ġrieħi ta' naruta ħafifa permezz ta' strument li jaqta u/jew

bil-ponta fuq il-persuna ta' Chrismar Cauchi skont kif iċċertifika Dr. Stephanie Sofia miċ-Ċentru tas-Saħħa ta'Bormla.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta tal-persuna hawn fuq indikata.
Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Settembru, 2012 fejn Chrismar Cauchi nforma l-Qorti li l-inċident kien wieħed żgħir, qed jaħfer lil missieru, l-imputat, u iddikjara li ma jixieqx joffri x-xhirda tiegħu.

Minbarra dan, informa l-Qorti li hu kellu girfa żgħira fuq spaltu u li missieru ma kellu ebda intenzjoni li jweġġgħu.

Rat id-dokument a fol. 15 tal-proċess fejn Chrismar Cauchi, fil-prezenza ta' ommu Maria Dolores Cauchi, iddikjara li jixtieq iwaqqaf l-proċeduri Kriminali kontra missieru.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, in vista ta' dawn id-dikjarazzjonijiet ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Tiddikjara l-proċediment ezawrit dwar it-tieni akkuża miġjuba kontra l-imputat. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------